Nru./No. 21,560
Prezz/Price
€0.72

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 22 ta' Diċembru, 2025
Monday, 22nd December, 2025

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 16,675 - 16,684
Government Notices ..... *16,675 - 16,684*

Avviżi tal-Qorti ..... 16,684 - 16,686
Court Notices ..... *16,684 - 16,686*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 2015

IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP, reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Diċembru, 2025, u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1995 tas-16 ta' Diċembru, 2025, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

Id-19 ta' Diċembru, 2025
(OPM/19/2022)

Nru. 2016

PERSONAL BUDGET ASSISTANCE SCHEME BOARD

NGĦARRFU b'din illi l-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, approvat l-ħatra tal-membri tal-Personal Budget Assistance Scheme Board kif ġej:

Chairperson
Dr Christian Camilleri, b'effett mis-16 ta' Jannar, 2025

Deputy Chairperson
Is-Sa Claire Portelli, b'effett mit-22 ta' Settembru, 2025

Membri
Is-Sa Nicole Attard, b'effett mis-16 ta' Jannar, 2025
Is-Sa Elinore Falzon, b'effett mis-16 ta' Jannar, 2025
Is-Sa Natasha Mifsud, b'effett mit-12 ta' Mejju, 2025
Is-Sa Justine Filletti, b'effett mis-16 ta' Jannar, 2025
Is-Sur Noel Vella, b'effett mis-16 ta' Jannar, 2025
Is-Sur Joseph Bugeja, b'effett mis-16 ta' Jannar, 2025

Segretarju
Is-Sur Daniel Philip Cauchi, b'effett mill-1 ta' Diċembru, 2025

Dawn il-ħatriet huma validi għal perjodu ta' tliet snin b'seħħ mid-data indikata.

L-10 ta' Diċembru, 2025

GOVERNMENT NOTICES

No. 2015

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP, resumed duties as Prime Minister on Friday, 19th December, 2025, and that the arrangements made by Government Notice No. 1995 of the 16th December, 2025, ceased to have effect accordingly.

19th December, 2025

No. 2016

PERSONAL BUDGET ASSISTANCE SCHEME BOARD

IT is hereby notified that the Minister for Inclusion and the Voluntary Sector has approved the appointment of the members of the Personal Budget Assistance Scheme Board as follows:

Chairperson
Dr Christian Camilleri, with effect from 16th January, 2025

Deputy Chairperson
Ms Claire Portelli, with effect from 22nd September, 2025

Members
Ms Nicole Attard, with effect from 16th January, 2025
Ms Elinore Falzon, with effect from 16th January, 2025
Ms Natasha Mifsud, with effect from 12th May, 2025
Ms Justine Filletti, with effect from 16th January, 2025
Mr Noel Vella, with effect from 16th January, 2025
Mr Joseph Bugeja, with effect from 16th January, 2025

Secretary
Mr Daniel Philip Cauchi, with effect from 1st December, 2025

These appointments are valid for a period of three years with effect from the stipulated date.

10th December, 2025

Nru. 2017

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU
(UGWALJANZA, RIFORMI U DJALOGU SOĊJALI)

Noti ta' Spjegazzjoni[1]

1. Introduzzjoni

Titolu tar-Regolamenti	Ordni tal-2025 dwar l-Adattament tal-Liġijiet dwar Ordnijiet tal-Kunsill tal-Pagi biex jirregola l-Pagi
Attività li għandha tiġi regolata	Pagi minimi fl-Ordnijiet tal-Kunsill tal-Pagi biex jirregola l-Pagi
Entità Responsabbli	Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg

2. Taqsira u l-isfond

Fil-25 ta' Ottubru 2023 ġie ffirmat ftehim bejn il-membri kollha tal-Low Wage Commission dwar il-paga minima li jkopri l-perjodu 2024 sa 2027.

Bis-saħħa ta' dan il-ftehim, il-membri qablu li żieda fil-paga minima nazzjonali hija meħtieġa biex jiġi evitat livell baxx eċċessiv tal-paga minima li jirriżulta f'konsegwenzi soċjali u ekonomiċi mhux mixtieqa.

Bis-saħħa ta' dan il ftehim, il-livell tal-paga minima fil-ġimgħa għal 2026 għal persuni ta 18-il sena u fuqhom għandha tkun €206.73 fil-ġimgħa flimkien ma' żieda statutorja tal-COLA għal 2024 (€12.81), 2025 (€5.24) u 2026 (€4.66).

Id-differenzi li bħalissa jipprevalu fuq il-livelli ta' paga minima għal persuni taħt it-18-il sena għandhom ikomplu japplikaw.

Dan l-Ordni jemenda l-pagi minimi diversi li jinsabu fl-Ordinijiet tal-Kunsill tal-Pagi li jirregola l-Pagi biex jiġu allinijati ż-żidiet tal-pagi għas-sena 2026 kif spjegat hawn fuq.

L-Importanza ta' dan l-Ordni

Dan l-Ordni jistabilixxi l-pagi minimi għas-sena 2026 għall-impjegati kollha li huma koperti bil-wieħed u tletin (31) Ordni li Jirregola l-Pagi.

Konsultazzjoni Pubblika

Saru konsultazzjonijiet mal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi. Il-Bord dwar ir-Relazzjonjiet dwar l-Impjiegi huwa bord tripartitiku, li huwa magħmul minn trade unions u assoċjazzjonijiet ta' prinċipali kif stipulat fl-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452).

3. Ħarsa ġenerali tal-istruttura tal-instrument

Din il-leġiżlazzjoni hi magħmula minn tliet (3) artikoli u żewġ (2) Skedi u tikkonsisti f'dan li ġej:

1. Titolu u bidu fis-seħħ.
2. Emendi għall- Ordnijiet tal- Kunsill tal-Pagi biex jirregola l- Pagi.
3. Emendi tal- Annessi u Tabelli tal-Ordnijiet tal-Kunsill tal-Pagi biex jirregola l- Pagi.
Skeda I.
Skeda II.

4. Kummentarju

Artikolu 2 jagħmel referenza għall-Iskeda I li temenda l-Ordnijiet tal-Kunsill tal-Pagi biex jirregola l-Pagi.

[1]Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni huma skont u għall-fini tal-artikolu 3(2)(ċ) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta).

Artikolu 3 jagħmel referenza għall-Iskeda II li temenda l-annessi u t-tabelli dwar l-Ordnijiet tal-Kunsill tal-Pagi biex jirregola l-Pagi.

Skeda I tirreferi għal emendi fil-pagi minima tal-Ordnijiet tal-Kunsill tal-Pagi biex jirregola l-Pagi.sabiex jiġu allinijati maż-żidiet għall-2026.

Skeda II tirreferi għall-emendi effettwati fl-annessi, it-tabelli u l-formoli tal-Ordnijiet tal-Kunsill tal-Pagi biex jirregola l-Pagi.sabiex jiġu allinijati maż-żidiet għall-2026.

5. Sezzjonijiet konklużivi

L-Ordni għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2026.

Informazzjoni tal-Kuntatt
Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg,
121, Triq Melita,
Valletta - Malta,
VLT 1121

Telefown:
1575 għall-impjegati
1576 għal prinċipali

Indirizz elettroniku:info.dier@gov.mt

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għalih. Dawn in-Noti mhumiex deċiżjoni awtorevoli dwar l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

It-22 ta' Diċembru, 2025

No. 2017

OFFICE OF THE PRIME MINISTER
(EQUALITY, REFORMS AND SOCIAL DIALOGUE)

Explanatory Notes[1]

1. Introduction

Title of Regulations	Adaptation of Laws (Wages Council Wage Regulation Orders) Order, 2025
Activity to be regulated	Minimum wages in Wages Council Wage Regulation Orders
Responsible entity	Department for Industrial and Employment Relations

2. Summary and background

On the 25th October 2023 a national agreement on the minimum wage was signed by all members of the Low Wage Commission covering the period 2024 to 2027.

By virtue of this agreement, the members agreed that an increase of the national minimum wage is needed to avoid an excessively low minimum wage level that results in undesirable social and economic consequences.

By virtue of this agreement, the level of the weekly minimum wage for the year 2026 for persons aged 18 years and over shall be €206.73 per week plus statutory COLA award for 2024 (€12.81), 2025 (€5.24) and 2026 (€4.66).

[1]These Explanatory Notes are in accordance with and for the purpose of article 3(2)(c) of the Small Business Act (Chapter 512 of the Laws of Malta).

The differentials prevailing for minimum wage levels for persons aged under 18 shall continue to apply.

This Order amends the various minimum wages found in the Wages Council Wage Regulation Orders to bring them in line with the increases for 2026 as explained above.

Importance of this Order

This Order establishes the minimum wages for the year 2026 for all employees covered by the thirty-one (31) Wage Regulation Orders.

Public Consultation

Consultations were held with the Employment Relations Board. The Employment Relations Board is a tripartite board which comprises also trade unions and employers' associations representatives as stipulated in the Employment and Industrial Relations Act (Cap 452).

3. Overview of the structure of the instrument

This legislation is made up of three (3) articles and two (2) Schedules and consists of the following:

1. Citation and commencement.
2. Amendments to the Wages Council Wage Regulation Orders.
3. Amendments to Annexes and Tables of the Wages Council Wage Regulation Orders.
Schedule I.
Schedule II.

4. Commentary

Article 2 makes reference to the Schedule 1 which amends the Wage Regulation Order.

Article 3 makes reference to the Schedule II which amends the annexes and tables of the Wage Regulation Orders.

Schedule I refers to amendments to the minimum wages of the Wage Regulation Orders to bring them in line with the increases for 2026.

Schedule II refers to amendments affected to annexes, tables and forms of Wage Regulation Orders to bring them in line with the increases for 2026.

5. Concluding sections

The Order shall come into force on 1st Janaury 2026.

Contact information
Department for Industrial and Employment Relations
121, Melita Street
Valletta - Malta,
VLT 1121

Telephone:
1575 for employees
1576 for employers

Email:info.dier@gov.mt

N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement thereto. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

22nd December, 2025

Nru. 2018

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU
(UGWALJANZA, RIFORMI U DJALOGU SOĊJALI)

Noti ta' Spjegazzjoni[1]

1. Introduzzjoni

Titolu tar-Regolamenti	Ordni tal-2025 dwar Standard Nazzjonali dwar l-Inqas Paga Nazzjonali
Attività li għandha tiġi regolata	L-inqas paga nazzjonali
Entità Responsabbli	Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg

2. Taqsira u l-isfond

Fil-25 ta' Ottubru 2023 ġie ffirmat ftehim nazzjonali fir-rigward tal-paga minima mill-membri kollha tal-Low Wage Commission li jkopri l-perjodu bejn 2024 sa 2027.

Permezz ta' dan il-ftehim, il-membri rrikonoxxew żieda fil paga minima nazzjonali hija meħtieġa biex jiġi evitat livell baxx eċċessiv tal-paga minima li jirriżulta f'konsegwenzi soċjali u ekonomiċi mhux mixtieqa.

Permezz ta dan il ftehim, il-livell tal-paga minima fil-ġimgħa għal 2026 għal persuni ta' 18-il sena u fuqhom għandha tkun €206.73 fil-ġimgħa u żieda statutorja tal-COLA għal 2024 (€12.81), 2025 (€5.24) u 2026 (€4.66).

Id-differenzi li bħalissa jipprevalu fuq il-livelli ta' paga minima għal persuni taħt it-18-il sena għandhom ikomplu japplikaw.

L-importanza tal-ordni

Dan l-Ordni ta' Standard Nazzjonali jistabbilixxi l-paga minima nazzjonali għal 2026.

Konsultazzjoni Pubblika

Saru konsultazzjonijiet mal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi. Il-Bord dwar ir-Relazzjonjiet dwar l-Impjiegi huwa bord tripartitiku, li jiġbor ukoll fih trade unions u assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem kif stipulat fl-artikolu 3 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452).

3. Ħarsa ġenerali tal-istruttura tal-instrument

Din il-leġiżlazzjoni hija magħmula minn ħames (5) artikoli u jikkonsistu f'dan li ġej:

1. Titolu u bidu fis-seħħ.
2. Tifsir.
3. L-inqas paga nazzjonali.
4. Impjegati part-time.
5. Ordnijiet tal-Kunsilli tal-Pagi li jirregolaw il-Pagi.

4. Kummentarju

Artikolu 2 ifisser l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali u n-National Agreement on the Minimum Wage Recommendations by the Low Wage Commission iffirmat fil-25 ta' Ottubru 2023 bejn il-Gvern, it-trade unions u organizzazzjonijiet ta' prinċipali kif rappreżentati fil-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali.

Artikolu 3 jistabbilixxi l-paga minima nazzjonali għal 2026.

[1]Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni huma skont u għall-fini tal-artikolu 3(2)(ċ) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta).

Artikolu 4 jistabbilixxi r-rata minima fis-siegħa għal part-timers għas-sena 2026.

Artikolu 5 jistipula li meta kwalunkwe Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi jkun japplika għal xi impjegat, il-pagi pagabbli lil dak l-impjegat fir-rigward tal-2026 m'għandhomx ikunu anqas minn dawk stabbiliti b'dak l-Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi applikabbli għal 2025, aġġustat għall-għoli tal-ħajja bi kwalunkwe żidiet ta' pagi dikjarati bħala li jkunu ġeneralment applikabbli għall-impjegati whole-time kollha skont l-artikolu 8 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, jew bi kwalunkwe żidiet fil-paga għall-għoli tal-ħajja stabbilita b'xi ordni ta' standard nazzjonali applikabli fir-rigward tal-2026.

5. Konklużjoni

L-Ordni għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2026.

Informazzjoni tal-Kuntatt

Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg,
121, Triq Melita,
Valletta - Malta,
VLT 1121

Telefon:
1575 għall-impjegati
1576 għal prinċipali

Indirizz elettroniku:
info.dier@gov.mt

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għall-istess. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

It-22 ta' Diċembru, 2025

No. 2018

OFFICE OF THE PRIME MINISTER
(EQUALITY, REFORMS AND SOCIAL DIALOGUE)

Explanatory Notes[1]

1. Introduction

Title of Regulations	National Minimum Wage National Standard Order, 2025
Activity to be regulated	National Minimum Wage
Responsible entity	Department for Industrial and Employment Relations

2. Summary and background

On the 25th October 2023 an national agreement on the minimum wage was signed by all members of the Low Wage Commission covering the period 2024 to 2027.

By virtue of this agreement , the members acknowledged that an increase of the minimum wage is needed to avoid an excessively low minimum wage level that results in undesirable social and economic consequences.

By virtue of this agreement, the level of the weekly minimum wage for the year 2026 for persons aged 18 years and over shall be €206.73 per week plus statutory COLA award for 2024 (€12.81), 2025 (€5.24) and 2026 (€4.66).

[1]These Explanatory Notes are in accordance with and for the purpose of article 3(2)(c) of the Small Business Act (Chapter 512 of the Laws of Malta).

The differentials prevailing for minimum wage levels for persons aged under 18 shall continue to apply.

Importance of the order

This National Standard Order establishes the national minimum wage for the year 2026 for all employees

Public Consultation

Consultations were held with the Employment Relations Board. The Employment Relations Board is a tripartite board which comprises also trade unions and employers' associations representatives as stipulated in the Employment and Industrial Relations Act (Cap 452).

3. Overview of the structure of the instrument

This legislation is made up of five (5) articles and consists of the following:

1. Citation and commencement.
2. Interpretation.
3. National minimum wage.
4. Part-time employees.
5. Wages Council Wage Regulation Orders.

4. Commentary

Article 2 defines the Employment and Industrial Relations Act and the National Agreement on the Minimum Wage Recommendations by the Low Wage Commission signed on the 25th October 2023 between the Government, Trade Unions and Organisations of Employers, as represented on the Malta Council for Economic and Social Development.

Article 3 establishes the national minimum wage for 2026.

Article 4 establishes the national minimum rate per hour for part-timers for the year 2026.

Article 5 stipulates that when any Wages Council Wage Regulation Order applies to any employee, the wages payable to such employee in respect of 2026 shall not be less than those laid down by such Wages Council Wage Regulation Order applicable for 2025, adjusted for cost of living by any increases of wages declared to be generally applicable to all whole-time employees in terms of article 8 of the Employment and Industrial Relations Act, or by any wage increases for cost of living laid down by any National Standard Order applicable in respect of 2026.

5. Conclusion

The Order shall come into force on 1st Janaury 2026.

Contact information:
Department for Industrial and Employment Relations
121, Melita Street
Valletta - Malta,
VLT 1121

Telephone:
1575 for employees
1576 for employers

Email:
info.dier@gov.mt

N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement thereto. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

22nd December, 2025

Nru. 2019

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU
(UGWALJANZA, RIFORMI U DJALOGU SOĊJALI)

Noti ta' Spjegazzjoni[1]

1. Introduzzjoni

Titolu tar-Regolamenti	Ordni tal-2025 dwar Standard Nazzjonali dwar Żieda fil-Paga għall-Impjegati (hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni"
Attività li għandha tiġi regolata	Paga tal-impjegati
Entità Responsabbli	Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg

2. Taqsira u l-isfond

Waqt id-diskors tal-Budget għall-2026, il-Ministru tal-Finanzi ħabbar li ż-żieda għall-għoli tal-ħajja għal 2026 se tkun ta' €4.66 fil-ġimgħa.

L-Importanza ta' dan l-ordni

Dan l-Ordni huwa maħsub li jżid il-pagi tal-impjegati whole-time bi €4.66 fil-ġimgħa. Ir-rata fis-siegħa ta' impjegati part-time se tiżdied b'wieħed minn kull erbgħin ta' €4.66.

Konsultazzjoni Pubblika

Saru konsultazzjonijiet mal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi. Il-Bord dwar ir-Relazzjonjiet dwar l-Impiegi huwa bord tripartitiku, li huwa magħmul minn trade unions u rappreżentanti ta' assoċjazzjonijiet ta' prinċipali kif stipulat fl-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta).

3. Ħarsa ġenerali tal-istruttura tal-istrument

L-Ordni jikkonsisti f'żewġ (2) artikoli kif ġej:

Artikolu 1: Titolu u bidu fis-seħħ
Artikolu 2: Żieda għall-għoli tal-ħajja

4. Kummentarju

Artikolu 2 jistipula li l-pagi ta impjegati whole-time se jiżdiedu bi €4.66 u li r-rata fis-siegħa tal-impjegati part-time se tiżdied b'wieħed minn kull erbgħin ta' €4.66.

5. Sezzjonijiet konklużivi

Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2026.
Informazzjoni tal-Kuntatt:

Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg,
121, Triq Melita,
Valletta - Malta,
VLT 1121

[1]Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni huma skont u għall-fini tal-artikolu 3(2)(ċ) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta).

Telefown:
1575 għall-impjegati
1576 għall-prinċipali

Email: info.dier@gov.mt

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għall-istess. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

It-22 ta' Diċembru, 2025

No. 2019

OFFICE OF THE PRIME MINISTER
(EQUALITY, REFORMS AND SOCIAL DIALOGUE)

Explanatory Notes[1]

1. Introduction

Title of Regulations	Wage Increase (Employees) National Standard Order, 2025 (hereinafter referred to as "the order")
Activity to be regulated	Wages of employees
Responsible entity	Department for Industrial and Employment Relations

2. Summary and background

During the Budget speech for 2026, the Minister for Finance announced that the cost of living increase for 2026 is going to be of €4.66 per week.

Importance of this order

This order is intended to increase the wages of all whole-time employees by €4.66 per week. The hourly rate of part-time employees will be increased by one-fortieth of €4.66.

Public Consultation

Consultations were held with the Employment Relations Board. The Employment Relations Board is a tripartite Board which comprises of trade unions and employers' associations representatives as stipulated in the Employment and Industrial Relations Act (Chapter 452 of the Laws of Malta).

3. Overview of the structure of the instrument

The order consists of two (2) articles as follows:

Article 1: Citation and commencement
Article 2: Cost of living increase

4. Commentary

Article 2 stipulates that the wages of whole-time employees are going to be increased by €4.66 and that the hourly rate of part-time employees is going to be increased by one-fortieth of €4.66.

[1]These Explanatory Notes are in accordance with and for the purpose of article 3(2)(c) of the Small Business Act (Chapter 512 of the Laws of Malta).

5. Concluding sections

This order shall come into force on 1st January 2026.

Contact information:
Department for Industrial and Employment Relations
121, Melita Street
Valletta - Malta,
VLT 1121

Telephone:
1575 for employees
1576 for employers

Email: info.dier@gov.mt

N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement thereto. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

22nd December, 2025

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

3141

B'digriet tal-4 ta' Diċembru, 2025 mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap 12):

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-16 ta' Ottubru, 2025 fuq rikors ta' Bank of Valletta p.l.c (C2833) u b'digriet tad-29 ta' Settembru, 2025 assumiet l-atti s-soċjetà 35˚14˚ Capital SCC plc bin-numru tar-reġistrazzjoni C105417 li tagixxi għan-nom ta' Cell Couros ġie iffissat il-jum tal-Ħamis, 29 ta' Jannar, 2026 fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-flat internament immarkat bin-numru tlieta (3) formanti parti minn blokk ta' tlett flats mibnija fuq garaxx sottostanti, liema blokk ta' flats mingħajr lift, għandu n-numru uffiċjali disgħa u għoxrin (29) u jġib l-isem ta' "John-Mary Flats", fi Triq Danny Cremona, il-Ħamrun, u li jinsab fit-tielet sular tal-blokk u b'aċċess minn taraġ komuni għall-inkwilini kollha. Il-flat għandu in komuni wkoll mal-flats l-oħra l-bieb ta' barra, l-entrata, taħt it-taraġ, taraġ sa fuq il-bejt, kif ukoll l-istess bejt u l-arja. Il-flat għandu terz indiviż tal-bejt flimkien maż-żewġ inkwilini l-oħra u jekk tinbena l-arja fuq it-terrazzin tal-flat numru tnejn (2), l-arja riżultanti tkun tappartjeni lill-proprjetarju tal-flat numru tlieta (3). Il-manutenzjoni tal-partijiet komuni huma a karigu tal-propjetarji fil-porzjon ta' terz kull wieħed u l-flat igawdi is-servitujiet attivi u passivi riżultanti mill-pożizzjoni tiegħu

By a decree given on the 4th December, 2025 by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12):

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 16th October, 2025, on the application of Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) and by decree of the 29th September, 2025 the acts were assumed by the company 35°14° Capital SCC p.l.c. with the registration number C 105417 acting on behalf of Cell Couros, Thursday, 29th January, 2026 at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Republic Street, Valletta of the following property.

The flat internally marked by number three (3) forming part of a block of three (3) flats, which block of flats overlies a garage, which block of flats doesn't include a lift, with official number twenty nine (29) and named "John-Mary Flats", in Triq Danny Cremona, Hamrun, and which is situated on the third floor of the block and with access from a stairs common to all the tenants. The flat also has in common with the other flats the front door, the entrance, underneath the stairs, the stairs to the roof, as well as the same roof and airspace. The flat has an undivided third of the roof together with two other tenants and if the airspace over the terrace of flat number two (2) is built, the resulting airspace will be belonging to the owner of flat number three (3). The maintenance of the common parts is at the expense of the owners in the portion of one third each and the flat enjoys the active and passive servitudes resulting from

u għandu s-sistema tad-drenaġġ komuni mal-fondi l-oħra fl-imsemmi blokk. Konfinanti l-imsemmi blokk mil-Lvant mal-imsemmija triq, mill-Punent ma' beni tas-Sur Spiteri, mit-Tramuntana ma' beni tas-Sur Giuliano u min-Nofsinhar ma' beni ta' Joseph Bugeja jew irjieħ verjuri. Iċ-ċens fuq il-flat ġie mifdi permezz ta' kuntratt datat tletin ta' Jannar, elf disa' mija sitta u sebghin (30.01.1976) fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia u l-flat huwa mikri lil terzi b'kera ta' €700 fis-sena u stmat li jiswa' mitejn u seba' u tletin elf ewro (€237,000).

L-imsemmi fond huwa proprjeta ta' Grech Maria Dolores (KI 66543M), Drago Maria Carla (KI 45969M) u Camenzuli Alexia (KI 234878M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 17/2022.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Ħamis, 18 ta' Diċembru, 2025.

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

its position and has in common with the other properties in the same block the drainage system. The block is bounded on the East by the said street, on the West by property of Mr Spiteri, on the North by property of Mr Giuliano and South by property of Joseph Bugeja or more accurate boundaries. The ground rent on the flat was redeemed by contract dated thirtieth of January, of the year one thousand nine hundred and seventy-six (30.01.1976) in the acts of Notary Joseph Cachia and the flat is leased to third parties, with a rent of €700 per year and is valued at two hundred and thirty seven thousand euro (€237,000).

The said tenement is the property of Grech Maria Dolores (ID 66543M), Drago Maria Carla (ID 45969M) and Camenzuli Alexia (ID 234878M)

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 17/2022.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 18th December, 2025.

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

3142

Permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Novembru, 2025 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2665/2025, fl-ismijiet Elmo Insurance Limited vs Jolanda Paolini et, ordnat is-segwenti publikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Jolanda Paolini u Otis Azzopardi a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap 12 et sequitur.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum, 18 ta' Lulju, 2025

Lil Jolanda Paolini (KI 138119A) ta' 63A, St Mary's Court, Apt 4, Triq il-Katlan, Ħ'Attard.

Otis Azzopardi (KI 393099M) ta' 15, Otson, Triq San Pawl, Ħal Qormi.

Permezz tal-preżenti Elmo Insurance Limited (C3500) ta' Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, filwaqt li tagħmel referenza għall-inċident tat-traffiku illi seħħ nhar l-24 ta' Ġunju, 2024, f'Ħal Qormi li fiha kienet involuta l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CCG-376 proprjeta ta' Jolanda Paolini u misjuqa minn Otis Azzopardi fil-ħin tal-incident u dik bin-numru ta' registrazzjoni FBX-427, proprjetà tat-terzi, tavżakom formalment bis-segwenti.

Illi l-polza ta' assikurazzjoni maħruga mis-soċjetà mittenti fuq il-vettura CCG-376 kienet tkopri biss sid l-istess vettura ċjoè Jolanda Paolini kif ukoll kwalsiasi persuna oħra li għandha età 'l fuq minn 25 sena. Illi billi l-imsemmi Otis Azzopardi ma kellux 25 sena fil-ħin tal-incident huwa

By means of a decree of the 18th November, 2025 of the Courts of Magistrates (Malta) in the records of judicial letter number 2665/2025, in the names Elmo Insurance Limited vs Jolanda Paolini et, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Jolanda Paolini and Otis Azzopardi in terms of Article 187(3) of Chapter 12 et sequitur.

In the Courts of Magistrates (Malta)

Today, 18th July, 2025

To Jolanda Paolini (ID 138119A) of 63A, St Mary's Court, Apt 4, Triq il-Katlan, Ħ'Attard.

Otis Azzopardi (ID 393099M) of 15, Otson, Triq San Pawl, Ħal Qormi.

By the present Elmo Insurance Limited (C 3500) of Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, whilst referring to the traffic accident which occurred on the 24th June, 2024 in Qormi in which vehicle with registration number CCG-376, property of Jolanda Paolini and driven by Otis Azzopardi was involved at the time of accident and that with registration number FBX 427 property of third parties, formally advises you of the following:

The relative insurance policy issued by Elmo Insurance Limited vocering vehicle CCG-376 covers only the owner of the said vehicle Jolanda Paolini and any driver over the age of 25 years old. Since Otis Azzopardi was under the age of 25 at the time of the accident he was not authorised to drive

ma kienx awtorizzat illi jsuq l-istess vettura billi mhuwiex kopert mill-imsemmija polza ta' assikurazzjoni. Illi in oltre, in segwitu għall-inċident tat-traffiku imsemmi intom inqastu milli tippreżentaw claim mas-soċjetà mittent skont kif intom obbligati illi tagħmlu skont il-kundizzjonijiet tal-istess polza.

Illi l-aġir tagħkom tikkostitwixxi ksur tal-istess polza ta' assikurazzjoni, u konsegwentement intom prekluži milli tinvokaw il-polza ta' assikurazzjoni biex tkopru kwalsiasi obbligu tagħkom naxxenti mill-inċident in eżami.

Illi konsegwentement hija tgħarrafkom għall-effetti kollha tal-liġi illi f'każ illi hija tkun kostretta illi tħallas d-danni sofferti minn terzi hija ser teserċita d-dritt ta' rinvalza kontra tagħkom skont il-liġi.

Intom għalhekk imħeġġa biex tagħmlu l-arranġamenti neċessarji mat-terzi sabiex tħallsu d-danni dovuti lilhom u dana sabiex jiġu evitati multipikazzjoni ta' azzjonijiet ġudizzjarji u spejjeż żejda.

Tant biex tagħrfu timxu.

Bl-imgħax u bl-ispejjeż tal-preżenti.

Reġistru tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), illum, 19 ta' Diċembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

the said vehicle and hence not covered by the insurance policy. Furthermore, following the said accident you have failed to lodge a claim as requested by the same insurance policy.

Your failures amount to a breach of the insurance policy and consequently you are precluded from invoking the insurance policy to cover any of your obligations arising from the accident in question.

Consequently, you are being notifiked for all intents and purposes at law that should the insurance be forced to make good for the damages suffered by third parties it will be exercising its right of seeking reinbursement from you.

Therefore, you are asked to make the necessary arrangements to settle for the damage incurred by the third party to avoid further legal actions and costs.

So much for your attention and guidance.

With interest and costs of this present.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today, 19th December, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

3143

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-26 ta' Ġunju 2025, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Innovative Entertainment Ltd.

MG Administrators Limited (C-83547) fil-kapaċità tagħhom ta' amministratur tal-kondominju bl-isem 20A u 20A Garages ta' Triq il-Karmnu, San Ġiljan ta' Officium, Office 2, Mdina Road, Ħ'Attard ATD 9037 ippreżentat Talba, fit-23 ta' Ġunju, 2025, fejn talbet lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Innovatie Entertainment Ltd (C36032) ta' Wied Incita, Rabat Road, Ħ'Attard, sabiex tħallas is-soċjetà attriċi s-somma ta' €4,155.65 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Avviż numru 157/2025CC) hija differita għat-28 ta' Jannar, 2026, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum, d-19 ta' Diċembru, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 26th June, 2025, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on the respondent company Innovative Entertainment Ltd in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

MG Administrators Limited (C-83547) in their capacity as administrators of the condominium with the name 20A and 20A Garages of Triq il-Karmnu, San Ġiljan of Officium, Office 2, Mdina Road, Attard ATD 9037, filed a Claim on the 23rd June, 2025 whereby they asked the Tribunal to condemn Innovative Entertainment Ltd (C 36032) of Wied Incita, Rabat Road, Attard, pay the plaintiff company the sum of €4,155.65 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim number 157/2025CC) is deferred on the 28th January, 2026, at 12.30p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 19th December, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603